# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2022**

**Rikors Numru 337/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Raymond Vella & Company Limited**
**(C-5423)**

**Vs**

**World Entertainment Company s.r.l**
**(Kodiċi Fiskali 03463781207)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 25 ta' Mejju 2020, li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

    1. *Illi fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta, s-soċjeta' attriċi forniet diversi servizzi u kriet apparat sabiex jittella' l-ispettaklu Radio Italia li ġie organizzat u mtellgħa mis-soċjeta' konvenuta nhar l-4 t'Ottubru, 2019, fil-Fosos tal-Floriana f'Malta;*

    2. *Illi l-prezz pattwit bejn il-partijiet kien fis-somma komplessiva ta' Euro 35,000 konsistenti f'kirjiet ta' screens (ara fattura u statement annessi u mmarkati bħala Dok A u B rispettivament);*

    3. *Illi s-soċjeta' konvenuta baqgħet ma ħallsitx is-somma ta' Euro 35,000 dovuta lis-soċjeta' attriċi, u dan minkejja li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tagħmel dan;*

4. *Illi għaldaqstant is-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €35,000, oltre l-imgħax legali dekorribli skond il-Liġi;*

5. *Illi fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, s-soċjeta' konvenuta m'għandha l-ebda eċċezzjoni x'tissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess soċjeta' rikorrenti;*

6. *Illi s-Sur Raymond Vella għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandiex tiddeċiedi billi:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €35,000.*

2. *Tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €35,000.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali dekorribli mid-data tal-fattura skond il-Liġi kontra s-soċjeta' konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni*

2. Rat illi jirriżulta, skond dokumentazzjoni pprovduta mill-Avukat tal-Istat fil-25 ta' Novembru 2020, is-soċjeta' intimata ġiet debitament notifikata fid-9 ta' Settembru 2020. (fol 22)

3. Rat illi fis-17 ta' Frar 2021, is-soċjeta' intimata ġiet ikkunsidrata bħala kontumaċi.

4. Semgħet ix-xhieda ta' **Nigel Vella**, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, mogħtija fis-17 ta' Frar 2022, fejn ikkonferma illi s-soċjeta' rikorrenti kienet ipprovdiet servizzi fl-import ta' €70,000 eskluż VAT lis-soċjeta' intimata għal dak illi jirrigwarda kirja ta' inġenji għal kunċert organizzat mill-istess soċjeta' intimata f'Ottubru 2019, għal liema servizzi hija kienet ġia tħallset l-ammont ta' €35,000 w il-bilanċ ta' €35,000 kien għadu pendenti u ma tħallasx.

5. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, ossija Invoice Nru 4580 datat 4 ta' Ottubru 2019 (fol 8) u l-pagament ta' €35,000 illi sar fil-21 ta' Novembru 2019 (fol 9).

6. Rat illi fis-17 ta' Frar 2021, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

7. Rat illi, ladarba s-soċjeta' intimata kienet kontumaċi, il-Qorti ddifferiet il-kawża għallum għas-sottomissjonijiet finali tagħha bil-miktub.

8. Rat illi llum, meta ssejjħet il-kawża, la deher rappreżentant tas-soċjeta' intimata u wisq anqas ma ġew ippreżentati sottomissjonijiet mingħandha.

9. Rat illi għalhekk il-Qorti tista tipproċedi biex tagħti s-sentenza finali tagħha.

10. Rat illi ma tara ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti kif redatta.

## Konklużjoni

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** t-talba kif dedottż u, konsegwentement:

**Tiddikjara** li s-soċjeta' konvenuta World Entertainment Company S.r.l hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' €35,000.

**Tikkundanna** lis-soċjeta' konvenuta World Entertainment Company S.r.l tħallas lis-soċjeta' attriċi Raymond Vella & Company Limited is-somma ta' €35,000.

**Spejjeż** u **Imgħax** legali skond il-Liġi dekorribli mid-data tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv huma kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**